# Il-Madonna tal-Karmnu fil-Parroċċa ta' Ħal Lija

Tagħrif storiku minn Vincent Zammit

Madwar il-Port il-Kbir hemm it-tlett ibliet. Filwaqt li aktar lejn iċ-ċentru ta' Malta insibu imbagħad it-tlett irħula, Ħal Lija, Ħ'Attard u Ħal Balzan. Dawn it-tlett irħula għandhom il-parroċċa, il-knejjes u l-qima tagħhom ukoll lejn id-diversi qaddisin li huma fost l-aktar imxerda fil-gżejjer Maltin. Fil-parroċċa ta' Ħal Lija, li hija iddedikata lis-Salvatur, insibu altar li jinsab taħt il-protezzjoni tal-Madonna tal-Karmnu.

Tajjeb li jingħad ukoll li fit-toroq ta' dan ir-raħal insibu żewġ niċeċ id-dedikati lill-Madonna tal-Karmnu. Hemm waħda li tinstab fi Sqaq Preziosi. Din in-niċċa fil-fatt għandha lapida taħt li turina li fis-sena 1881 ingħatat indulġenza għal minn jgħid talba quddiem din ix-xbiha. It-tieni niċċa tinsab fi Triq il-kunċizzjoni f'kantuniera ma' Sqaq il-Forn. Din in-niċċa saret lejn l-aħħar snin tas-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20. Barra minn hekk fis-sena 1904 ingħatat indulġenza ghal kull minn kien jieqaf jgħid talba quddiemha.

L-altar tal-Madonna tal-Karmnu jinsab fil-kappellun tar-Rużarju. Oriġinarjament f'din il-knisja ma kienx hemm altar b'din id-dedikazzjoni. Iżda kien hemm ieħor li kellu id-dedika tiegħu lil żewġ qaddisin protetturi għal waqt l-imxijja tal-pesta. Dawn kienu Santu Rokku u San Bastjan. Iżda maż-żmien bdew jinbiddlu ukoll xi dedikazzjonijiet li jkun hemm fuq l-altari. Għalhekk naraw li fis-sena 1658, kien hemm talba biex l-altar jinbidel u jitpoġġa taħt il-patroċinju ta' San Ġużepp. It-talba saret minn Nutar Xmun Attard. Fil-verita wieħed jista jgħid ukoll li dan id-detal huwa interessanti għal fatt li l-qima lejn san Ġużepp kienet għadha fil-bidu tagħha, u għalhekk huwa interessanti li naraw li fis-seklu sbatax kien hemm minn ried iwaqqaf altar id-dedikat lillu.

Minħabba il-bini tal-knisja l-ġdida, kif ukoll minħabba li l-werrieta tan-Nutar Attard ma tantx komplew jieħdu ħsieb l-altar, dan twarrab minn fejn kien u tpoġġa f'post ieħor. barra minn hekk kien hemm ukoll nies oħra li dahlu għal kura ta' l-istess altar u d-dedikazzjoni. iżda imbagħad, fis-sena 1723 kien hemm talba minn Flaminio Galea, biex dan l-altar ikun iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu. It-talba saret lill-isqof Mancini. It-talba ġiet milqugħa, iżda bil-patt li fil-kwadru l-ġdid ikun hemm il-figura ta' San Ġużepp inkluża ukoll. Jidher ukoll li l-kwadru il-ġdid kien diġa tlesta qabel ma fil-fatt ingħata l-approvazzjoni ta' l-Isqof ikkonċernat.

Il-kwadru l-ġdid kien fih lill-Madonna qegħda tagħti l-Labtu lil San Xmun Stock. Il-figura ta' san Ġuzepp kienet tidher maġenb dik tal-Madonna. Fil-parti t'isfel kien hemm ukoll il-figura ta' l-erwieħ fil-purgatorju. Iżda dan il-kwadru ma tantx intoġgħob. Tant kien hekk li l-parruċċani kienu għamlu talba huma stess halli dan l-istess kwadru jitneħħa u jerġa jitpoġġa il-qadim. Iżda l-Isqof kien halla kollox kif kien. Maż-żmien, iżda, il-kwadru kien tneħħa, u illum jinstab fil-Mużew ta' l-istess parroċċa. Dan sar fis-seklu 19, meta tpoġġa kwadru ġdid, dak li hemm illum, u li huwa xogħol ta' l-artist Malti Ġiuseppe Hyzler. Minn din il-ħarsa ħafifa wieħed jista jinnota ukoll lid-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu hija imxerda anke fir-raħal ta' Ħal Lija.

1 Terribile, Tony Niċeċ u Statwi fit-Toroq Maltin, 2000, pp. 115 -116.

2 Borġ, Vincent editur Il-Knisja Parrokjali ta' Ħal Lija Storja, Arkitettura u Pittura, 1982, pp. 36-38.

3 Borġ, Vincent "Marian Devotions in Maltese Diocesan Churches" f'Marian Devotions in the Islands of Saint Paul (1600-1800),editur Vincent Borg, 1983, p. 151.



**Statwa tal-Madonna tal-Karmnu fi Triq il-Kunċizzjoni f'Ħal Lija** >